

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

10046/25

FIN 660  
COMPET 506  
IND 181  
RC 37  
RECH 265  
TELECOM 186  
CADREFIN 61

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9751/25	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-istrateġija tal-UE għall-mikroċipep – Progress raġonevoli fl-implimentazzjoni tagħha, iżda l-Att dwar iċ-Ċipep f'it li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed" <i>- Approvazzjoni</i>

---

1. Fit-28 ta' April 2025, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 bit-titolu "L-istrateġija tal-UE għall-mikroċipep – Progress raġonevoli fl-implimentazzjoni tagħha, iżda l-Att dwar iċ-Ċipep f'it li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed".
2. F'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-Rapporti Speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri<sup>1</sup>, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Mejju 2025, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) biex jeżamina r-Rapport Speċjali f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dokument 7515/00 + COR 1.

<sup>2</sup> Dokument 8386/25.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina r-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Mejju 2025.
4. Fit-8 ta' Mejju 2025, il-Presidenza ppreżentat proposta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>3</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) iddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2025.
5. Abbażi tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tat-13 ta' Mejju 2025 u l-kummenti li rċeviet bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet proposta riveduta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>4</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) iddiskuta l-abbozz rivedut ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2025.
6. Abbażi tad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tat-3 ta' Ġunju 2025 u l-kummenti ulterjuri li rċeviet bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet it-tieni proposta riveduta għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>5</sup>. Il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet jipprovdu kwalunkwe kumment possibbli dwar din il-formulazzjoni riveduta sas-6 ta' Ġunju 2025.
7. L-ebda delegazzjoni ma qajmet oġġezzjoni għat-test propost mill-Presidenza, kif jinsab fl-ANNEX ta' din in-nota.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
  - jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-ANNEX;
  - jirrakkomanda dawn il-konklużjonijiet lill-Kunsill għall-approvazzjoni bħala punt "A".

---

<sup>3</sup> Dokument 8628/25.

<sup>4</sup> Dokument 9281/25.

<sup>5</sup> Dokument 9751/25.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:**

**"L- istrategġija tal- UE għall- mikroċipep – Progress raġonevoli fl- implimentazzjoni tagħha, iżda l- Att dwar iċ-Ċipep ftit li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il- mira tad- Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JQIS l-impenn tal-Unjoni Ewropea li ssaħħaħ l-ekosistema tas-semikondutturi tal-UE, billi żżid ir-reżiljenza tagħha, tnaqqas id-dipendenzi esterni, trawwem l-innovazzjoni, tindirizza n-nuqqas ta' hili, u tapprofondixxi l-integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista;

FILWAQT LI JFAKKAR li f'Settembru 2023 l-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw l-Att dwar iċ-Ċipep u stabbilew inizjattiva biex jibnu l-kapaċità u jiżguraw l-aġġustament tal-industrija bil-għan b'mod partikolari li sal-2030, jsaħħu l-Unjoni b'ħala attur globali fit-teknoloġija tas-semikondutturi u l-applikazzjonijiet tagħha, b'shem globali dejjem akbar fil-manifattura, f'konformità mal-mira tal-Kumpass Diġitali tal-2030 tal-Kummissjoni ta' mill-inqas 20 % tal-produzzjoni dinjija f'valur għall-produzzjoni ta' semikondutturi mill-aktar avvanzati u sostenibbli fl-Ewropa inkluż il-proċessuri<sup>6</sup>;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport dwar "Il-futur tal-kompetittività Ewropea" imħejji minn Mario Draghi, ippublikat fid-9 ta' Settembru 2024, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar is-settur tas-semikondutturi,

1. JILQA' r-rapport speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L- istrategġija tal- UE għall- mikroċipep – Progress raġonevoli fl- implimentazzjoni tagħha, iżda l- Att dwar iċ-Ċipep ftit li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il- mira tad- Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed"<sup>7</sup> u JILQA' l-kontribut tiegħu biex tittejjeb it-trasparenza, il-governanza u s-sorveljanza strateġika tal-istrategġija tas-semikondutturi tal-Ewropa;

---

<sup>6</sup> [eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021DC01180](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52021DC01180)

<sup>7</sup> <https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-12>

2. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza strateġika li tiġi żviluppata ekosistema tas-semikondutturi innovattiva, robusta, reżiljenti u globalment kompetittiva fl-Unjoni Ewropea biex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà ekonomika, is-sovranità diġitali, u t-tmexxija industrijali, inkluż permezz ta' appoġġ imsaħħaħ għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-integrazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), start-ups u scale-ups tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi;
3. JIEĦU NOTA tal-fokus tar-rapport speċjali fuq l-evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-mikroċipep, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni u l-effettività tal-Att dwar iċ-Ċipep; JAQBEL mal-konklużjoni tar-rapport speċjali li l-Att dwar iċ-Ċipep ipprova momentum ġdid għall-istrateġija tal-UE dwar il-mikroċipep u pprova soluzzjonijiet sinifikanti għal xi wħud mill-isfidi, b'mod partikolari l-użu ta' infrastrutturi komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, it-tiżiħ tal-pipeline tal-innovazzjoni mil-laboratorju sal-fabbrikazzjoni, u l-progress lejn l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista;
4. JINNOTA d-dikjarazzjoni tal-Qorti li minkejja progress raġonevoli, l-Att dwar iċ-Ċipep bħala strument uniku x'aktarx li ma jkunx biżżejjed biex jintlaħaq l-għan ambizzjuż tal-UE li sal-2030 tassigura 20 % tas-sehem globali fil-produzzjoni tal-mikroċipep, kif deskritt fl-istrateġija dwar id-Deċennju Diġitali;
5. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali, speċifikament rigward il-valutazzjoni tal-impatt insuffiċjenti u l-konsultazzjonijiet pubbliċi kif ukoll sens ta' urġenza li wasslu għal diversi lakuni fit-tfassil u l-ippjanar tal-inizjattiva u l-implimentazzjoni tagħha, id-definizzjoni tal-miri u l-iskedi ta' żmien, kif ukoll mekkaniżmi sottożviluppati ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet;
6. JINNOTA s-sejba tar-rapport speċjali dwar informazzjoni mhux kompluta dwar il-finanzjament totali disponibbli u dwar l-iżborż u l-effettività tal-fondi, kif ukoll in-nuqqas ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE tal-investimenti nazzjonali, li jillimita l-allinjament strateġiku u s-sorveljanza komprensiva;
7. JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet proposti biex jiġu indirizzati l-isfidi sinifikanti li fadal fil-finanzjament, il-veloċità tal-implimentazzjoni, u l-kisba tal-mira stabbilita, inkluż il-ħtieġa għal immappjar komprensiv u trasparenti tal-impenji ta' finanzjament, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u tas-settur privat;

8. JISĦAQ FUQ l-importanza li tiġi ffinalizzata l-operazzjonalizzazzjoni tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, li jitlesta l-istabbiliment tal-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet, u li tiġi żgurata l-approvazzjoni f'waqtha tal-ġhajjnuna mill-Istat għal faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom għall-manifattura tas-semikondutturi u Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs); JIRRIKONOXXI l-użu tal-IPCEIs fil-mikroelettronika u JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jittejbu l-aġilità u l-veloċità, it-trasparenza u l-inklużività tagħhom, b'mod partikolari biex titrawwem parteċipazzjoni ġeografika usa' tal-SMEs tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi, u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp futur ta' dawk il-ktajjen tal-valur;
9. JIRRIKONOXXI il-ħtieġa għal sforzi akbar biex jiġi attirat u miżmum l-investment privat, inkluż billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, tiġi żgurata prevedibbiltà regolatorja, jiġu kkoordinati aħjar l-investimenti privati u pubbliċi, inkluż billi tintuża l-esperjenza mill-Fond għaċ-Ċipep, u billi jitrawwem ambjent kompetittiv għall-mexxejja globali tas-semikondutturi kif ukoll għall-innovaturi Ewropej fl-Unjoni;
10. ITENNI l-ħtieġa li jinbnew u jissaħħu l-ktajjen tal-valur Ewropej inkluż ir-riċerka, l-innovazzjoni u d-disinn, il-manifattura u l-imballaġġ avanzat ta' ċipep effiċjenti fl-użu tal-enerġija u siguri, l-istimular tal-kompetittività fil-materjali tas-semikondutturi u t-tagħmir tal-manifattura, l-istabbiliment ta' linji pilota avanzati għal semikondutturi mill-aktar avanzati u teknoloġiji tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluż il-fotonika, l-IA u t-teknoloġiji taċ-ċippa kwantistika, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-industrija f'attivitajiet tal-linja pilota, it-trawwim tal-industrijalizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni li jirriżultaw mil-linji pilota, l-iżgurar tal-indispensabbiltà Ewropea fil-ktajjen tal-valur globali, u t-tiżiħ tar-reżiljenza tal-UE; JISSOTTOLINJA l-importanza li tkompli tiġi indirizzata d-domanda industrijali Ewropea għal mikroċipep fundamentali innovattivi, b'mod partikolari fid-dawl tar-rilevanza strateġika tagħhom għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali ta' setturi ewlenin bħall-mobbiltà, l-enerġija u d-difiża;

11. JAPPOĠĠA l-insegwiment ta' objettivi strateġiċi ċari għar-riċerka, l-iżvilupp, id-disinn, it-tagħmir, il-manifattura u l-imballaġġ avanzat; JILQA' l-fatt li l-Istati Membri kollha stabbilew ċentru nazzjonali ta' kompetenza u JAPPELLA GĦALL-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tan-network Ewropew ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza li jassiguraw konnessjoni bejn ir-rekwiżiti industrijali mar-riżorsi u l-inċentivi disponibbli fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet, inkluż billi wieħed jibni fuq l-Akkademja Ewropea għall-Ħiliet fiċ-Ċipep u l-Pjattaforma tal-UE għad-Disinn taċ-Ċipep, biex jiġi sostnut it-tkabbir tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa u biex tiġi pprovduta riżerva ta' speċjalisti kwalifikati għall-industrija taċ-ċipep tal-Ewropa li qed jespandu;
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq verifika tar-realtà fuq l-istrateġija sabiex tivvaluta kemm l-azzjonijiet meħuda jaqblu mal-miri stabbiliti, tikkondividi din il-valutazzjoni kemm mal-Istati Membri kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati, tidentifika malajr il-perkorsi għal miżuri korrettivi f'koordinazzjoni mal-Istati Membri filwaqt li tkompli bl-implimentazzjoni tal-istrateġija fis-seħħ, u taċċellera l-ħidma preparatorja bil-ħsieb li fl-2026 jiġi rivedut l-Att dwar iċ-Ċipep; JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tar-rapport speċjali dwar il-bżonn li fl-2026 tinbeda l-ħidma fuq l-istrateġija l-għdida dwar is-semikondutturi b'għanijiet aktar ċari u li jistgħu jitkejlu, proposti għal azzjonijiet u finanzjament xierqa, l-integrazzjoni tal-SMEs, tal-istart-ups u l-iscale-ups tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi, u approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE;
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali Nru 12/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'azzjonijiet koerenti, filwaqt li tiżgura l-bilanċ it-tajjeb bejn il-vantaġġ kompetittiv tal-industrija Ewropea u s-sikurezza tal-investituri.